MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 506/2001/1

**Susan Riley**

**vs**

**Avukat Dr Vincent Galea u l-PL Lilian Buhagiar li gew nominati bhala Kuraturi Deputati ta' l-assenti Sandy Riley b'digriet tal-25 ta' Jannar 2001**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu bir-registru fl-10 ta' Mejju, 1990 (kopja tac-certifikat ta' zwieg (hawn annessa u mmarkata Dokument "A") wara li kienu jafu 'l xulxin ghal tmien (8) xhur.

Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment minhabba sevizzi, ingurji gravi, mohqrija u theddid da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici kif wkoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru;

Illi in oltre iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment minhabba li l-konvenut, li hu barrani, abbanduna lill-martu fit-18 ta' Ottubru, 1997 u telaq ghal kollox minn Malta;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali bejniethom permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla datat l-10 ta' Awissu, 2000 (kopja hawn annessa u mmarkat Dokument "A");

Illi l-istess attrici ghalhekk tablet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Qorti:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b'tort uniku tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha, dik ir-retta alimentarja li jidrilha xierqa;

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici;

4. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut, filwaqt li jigu dikjarati proprjeta' unika tal-attrici dawk l-oggetti mobbli w immobbli li huma parafernali taghha;

5. Tapplika kontra l-konvenut l-**artikoli 48, 41, 52, u 55 tal-Kodici Civili** sa fejn applikabbli w in partikolari li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successorji tieghu fil-konfront tal-attrici;

6. Tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinstab 86, Zabbar Road, Paola, u tassenja l-kera ta' l-istess lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tat-28 ta' Settembru 2001 a fol 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Edward Zammit Lewis bhala Perit Legali, tas-17 ta' April 2002, tas-17 t'Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippressjeduta u l-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr Edward Zammit Lewis u tat digriet tal-affidavit lill-partijiet ta' 40 jum kull wiehed, u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-28 ta' Jannar 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-29 ta' Novembru 2002 u d-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn laqghet it-talba w estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits b'20 jum.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-21 ta' Jannar 2003 u d-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar 2003 fejn irriservat li tipprovdi ghat-talba fid-data tal-udjenza.

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta’ Jannar 2003 fejn permezz taghha gew esebiti l-affidavits ta’ l-attrici stess u ta’ Maria Carmelina Grange (fol 22 sa 27 tal-process).

Rat il-verbal tal-28 ta’ Jannar 2003 fejn Dr Vincent Galea bhala kuratur ta’ ruhu b’notifikat bl-affidavits attrici u ddikjara li ma nghata l-ebda indirizz fejn jirrisjedi l-konvenut u ghalhekk minkejja t-tentattivi tieghu ma setghax jikkomunika mal-konvenut u ghalhekk irrimetta ruhu ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-14 ta’ Frar 2003 fejn talbet li flimkien mat-talbiet kif premessi fic-citazjoni tinghata decizjoni wkoll sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-14 ta’ Frar 2003 fejn laqghet it-talba b’dan li tikkunsidra din it-talba fid-decizjoni eventwali taghha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Susan Riley** qalet is-segwenti:

*“Jiena zzewigt lil Sandy bir-Registru nhar l-10 ta' Mejju, 1990 u ghalhekk ili mizzewwga mieghu ghal dawn l-ahhar tnax-il sena.*

*“Jiena kont nghix l-Ingilterra mar-ragel li kont izzewwigt li jismhu Stephen Manche'. F'dak il-perjodu kont ghaddejja*

*minn proceduri ghal divorzju minn mar-ragel li semmejt peress illi Stephen kien xurban u di konsegwenza kien sar vjolenti hafna. Minhabba dan il-fatt iz-zwieg kien sfaxxa”.*

*“Matul il-perjodu li kont ser niehu d-divorzju, kont iltqajt ma' Sandy gewwa bar l-Ingilterra. Dan kien perjodu trawmatiku hafna ghalija. Mhux hekk biss, izda kont inhossni ferm "lonely" anke ghaliex kont ninsab gewwa pajjiz barrani fejn l-unici hbieb li kont ghamilt kienu l-hbieb tar-ragel illi kelli u meta wasalna ghad-divorzju kollha tbieghdu minni”.*

*“Meta ltqajt ma Sandy gewwa l-bar l-Ingilterra ma kontx hadt grazzja mieghu mal-ewwel. Izda wara xi gimghatejn jiena bdejt inhossni migbuda lejh ghaliex il-manjieri ta' Sandy kienu romantici hafna. Sahansitra kien ikantali l-kanzunetti romantici u ghalhekk ma domtx wisq biex ingbidt lejh u sirt inhobbu. Nixtieq nghid illi jiena mara li nhobb ilgabra u m’hinix persuna li thobb tohrog hafna, ghalhekk kont lesta li 'nissettilja' ma Sandy”.*

*“Wara xi xahar u nofs flimkien iddecidejna li ninzlu Malta ghall-"holiday". Meta wasalna Malta Sandy iltaqa' mal-familja tieghi. Hu kien gab ruhu tajjeb hafna maghhom. Meta tlajna lura l-Ingilterra, ggilidna u dan ghaliex jien kont nahdem sieghat twal u Sandy ma kienx jiehu gost b'din is-sitwazzjoni. Nixtieq inzid ukoll illi jien kont nahdem ghalina t-tnejn ghaliex Sandy kien jiehu d-'dole'. Fil-fatt jien kont hallast ghall-'holiday'. Wara din il-glieda, kont inzilt lura Malta. Kien baghtli ittra b'hafna kliem sabih u jien dak il-hin waqajt ghalih. Ftehmna fuq it-telefon sabiex nizzewgu. Baghtlu l-flus u nizel Malta. Dan kien xi hmistax wara li konna ggilidna l-Ingilterra. Meta bdejna naghmlu l-pjanijiet ghaz-zwieg, Sandy kien jghid li kien kuntent mieghi u li kien lest u jixtieq jghix mieghi ghal dejjem. Jiena ovvjament kont inhossni l-istess mod ghaliex kif diga' spjegajt qabel, jien kont lesta nissetilja”.*

*“Meta gie lura Malta ghaddew erba' xhur qabel ma zzewwigna ghalhekk konna ilna xi seba' xhur li konna nafu lil xulxin meta zzewwigna. Il-familjari tieghi kienu*

*jarawni kuntenta u ghalhekk kienu approvaw iz-zwieg ma Sandy".*

*"Meta zzewwigna bdejna nghixu ghand ommi. Nixtieq nghid illi Sandy kien bniedem 'loner' u rizervat hafna. Kien ukoll beda jahdem bhala "labourer" it-"Tiles & Polish" gewwa Haz-Zebbug. Dak iz-zmien kien gab il-permess illi jahdem hawn Malta. Ftit wara li zzewwigna, jigifieri meta konna ghadna nghixu ghand ommi, Sandy inbidel kompletament. Ma kienx jafdani nohrog wahdi. Kien jigi ghalija x-xoghol kuljum fejn kont nahdem dak iz-zmien u cioe' gewwa "Farrugia Textiles", Kordin. Kien beda jsir pussessiv hafna mieghi. Sahansitra kien kiteb lista twila ta' regoli u affarijiet li ma kellix naghmel, bhal per ezempju, nilbes 'mini skirt' jew 'v-necks', 'make-up' u bosta regoli ohra. Sahansitra kien ikun hu li jiddeciedi meta kien ser ikollna x'naqsmu flimkien u jekk hu ma kienx ikun irid, ma kien isir xejn. Pero' l-iktar haga li kienet iddejjaqni u tweggani kienet illi hu kien beda sensiela ta' abbuz verbali fil-konfront tieghi. Kien jghidli illi jien ma kontx mara sabiha u li jekk l-irgiel kienu jiehdu interess fija kien ghaliex riedu juzawni jew biex ikollhom x'jaqsmu mieghi u ghal ebda raguni ohra. Minkejja dan kollu jien qatt ma ffrekwentajt irgiel ohra".*

*"Wara li zzewwigna, Sandy beda jixrob hafna tant illi meta konna mmorru gewwa s-"Salvu Bar" (dan kien il-bar li konna niffrekwentaw) il-'barmaid' kienet thallilu l-kaxxa vojta fejn ipoggi l-fliexken tal-birra kollha li kien jixrob. Bhala konsegwenza tax-xorb, Sandy kien beda iktar jabbuza <u>minni</u> verbalment. Kien spiss jghidli li ma kontx mara attrajjenti u li hu ma kienux joghgbuh nisa' b'xagharhom bjond kif kont jien. Jien din il-haga kienet tweggani wisq ghaliex hu kien iltaqa' mieghi meta jien kelli xaghari bjond. Bhala konsegwenza tax-xorb, Sandy kien ukoll beda jsir vjolenti tant illi darba minnhom konna qeghdin gewwa l-kcina tal-post li konna krejna flimkien u hu waddabbli sikkina li fortunatament laqtet il-'fridge'".*

*"Wara dawn l-episodi ta' vjolenza jiena ma flahtx iktar u wara inqas minn sentejn, xtrajtlu l-biljett ghall-Ingilterra sabiex jitlaq. Dak il-hin ma kien qalli xejn, ha l-biljett u*

*telaq. Izda wara ftit beda jcempilli mill-Ingilterra u jitlobni sabiex nilqghu lura mieghi. Kien weghdni illi ser jinbidel u ma jixrobx iktar u li kien ser jirrispettani. Jiena dak il-hin thassartu u hallejtu jirritorna lura mieghi".*

*"Meta gie lura kien gentili u 'loving' mieghi. Izda wara ftit gimghat rega' beda jixrob hafna u jsir vjolenti bil-mod kif semmejt qabel. Jien kont ghidtlu li kellu jieqaf jixrob u jittratani hazin u li kont ser inkellem avukat sabiex nitlob separazzjoni bonarja izda ghal dan il-kliem hu kien jinfex jidhak. Ma kienx johodni bis-serjeta'. Meta rajt l-indifferenza lejn ir-relazzjoni taghna u n-nuqqas ta' interess tieghu li jsalva z-zwieg, jiena pprocedejt bis-separazzjoni bonarja".*

*"Matul il-perjodu li kont ghaddejja bis-separazzjoni, Sandy kien ipprova jerga' jirriavvicinani izda jien ma kontx inhoss li kien sincier u li kien qed jaghmel hekk biss biex inwaqqaf il-proceduri. Nixtieq nghid ukoll illi dak iz-zmien jien kont qegheda inhejji ruhi ghall-operazzjoni tal-'hysterectomy' u ghalhekk ma kontx niflah ghall-aktar inkwiet. Wara li wrejtu bic-car li ma ridtx naf iktar minn ghandu, telaq lejn l-Ingilterra ghat-tieni darba. F'dan il-perjodu jigifieri meta Sandy telaq minn Malta ghat-tieni darba, is-separazzjoni bonarja kienet giet finalizzata".*

*"Sandy kien baqa' jcempilli mill-Ingilterra sabiex jipprova jikkonvincini li kien inbidel u li kien ihobbni. Fil-fatt ftit zmien wara irritorna Malta u jien accettajtu lura mieghi. Wara ftit xhur ergajt bdejt inhossni migbuda sew lejh, izda hu xorta wahda rega' beda jixrob u din id-darba iktar minn qatt qabel. Fuq dan ir-rigward nixtieq insemmi episodju li ma ninsa' qatt. Darba minnhom hrigna nixorbu, kien il-Hadd u kif morna d-dar il-burdata tieghu nbidlet fis-sens illi sar qisu mignun. Jien kont naf li kien ser jhebb ghalija u ghalhekk tlaqt ghand ommi. Meta rritornajt lura d-dar sibt stragi ta' affarijiet imkissra u sahansitra demm fil-kuritur. Jien bzajt immens tant li hrabt nigri l-ghassa ta' Rahal Gdid sabiex naghmel rapport.  Kellimt pulizija, ma nafx x'kien jismu, izda hu qalli li kien ga mar Sandy sabiex jirrapporta li farrak id-dar u peress li kien ferut, baghtuh il-poliklinic. Jien kont mort lura d-dar ghax inkwetajt minkejja*

*kollox, li Sandy seta' wegga serjament. Tlajt fuq fil-kamra tas-sodda u rajtlu idejh infaxxata u bis-sikkina f'idu l-ohra. Jien twerwirt u hrabt ghand ommi".*

*"L-ghada ta' dan l-epsidoju mort lura d-dar ma' ommi sabiex naghmlu ftit ordni u meta ommi rat id-dizastru li kien hemm qaltli li kienet ser issib il-flus sabiex tibghat lil Sandy l-Ingilterra peress illi jien flus ma kellix. Fil-fatt kont spiccajt b'hafna dejn meta telaq Sandy ghaliex kien nefaq kollox fil-'Pubs'. Dak inhar stess ftehmna illi Sandy kellu jitlaq. Dan kien f'Ottubru, tal-1997 fil-fatt issa ili minn dak iz-zmien ma narah. Kien baqa' jcempilli u jweghdni li kien mibdul izda jien din id-darba ma' cedejtx. Sal-gurnata tal-lum jien ma nafx fejn jinsab Sandy".*

*"Dwar proprjeta' li kellu Sandy nista' nghid illi ma kellu xejn meta gie jghix Malta u lanqas meta kien jirrisjedi l-Ingilterra u dan peress illi kien jghix fuq id-'dole' kif spjegajt qabel. Niftakar illi meta gie Malta kien gab biss hwejjeg mieghu. Id-dar li kellna meta kien gie jghix mieghi kienet giet mikrija minn ommi u l-oggetti gewwa d-dar mikrija kont xtrajthom esklussivament bi flus li kont hadt mid-divorzju mar-ragel li kelli. Il-valur ta' dawn l-oggetti jammonta bejn wiehed u iehor ghal tlett elef lira Maltin (Lm3,000) Meta telaq minn Malta Sandy kien iddikjara li ma ried xejn minn ghandi".*

*"In vista tal-premess jidher b'mod car illi z-zwieg bejnietna tkisser irremedjabilment minhabba sevizi, ingurji gravi, mohqrija u thedddid da parte tar-ragel tieghi Sandy kif ukoll minhabba inkompatibilita' serja u cara ta' karattru. Inoltre nixtieq nikkonkludi billi nghid illi r-ragel tieghi abbanduna d-dar matrimonjali u telaq ghal kollox minn Malta tant li sal-gurnata tal-lum ma nafx fejn jinsab".*

Illi fl-affidavit taghha omm l-attrici **Maria Carmelina Grange** qalet illi**:**

*"Jiena nigi omm Susan Riley. Fuq il-mertu tal-kawza odjerna nixtieq nghid illi Susan kienet mizzewwga lil certu Stephen Manche' u kienu jghixu l-Ingilterra. Hu kien ragel vjolenti u kien jaqlibielha ma bosta nisa' ohra. Minhabba*

*dan il-fatt, Susan dak iz-zmien hadet id-divorzju. Kien perjodu ikrah hafna ghaliha. Dan kollu nafu ghaliex kont inzomm kuntatt regolari ma binti. Meta Susan kienet hadet id-divorzju mir-ragel li kellha, kienet sabet ruhha 'lonely' b'zewg t-itfal li ma setghetx tlahhaq maghhom finanzjarjament u minhabba f'dan kienet accettat, illi r-ragel li kellha, kellu jiehu hsieb dawn it-tfal. F'dan il-perjodu Susan kienet iccempilli hafna anke ghaliex ahna konna 'close' hafna ma xulxin. Jien kont inkwetata hafna ghaliha. Fil-fatt tant kienet fi stat hazin illi sahansitra kienet ippruvat tikkommetti suwicidju. Dan nafu ghaliex kienet hi stess li kienet qaltli meta waslet lura Malta. Jiena ma niftakarx wara kemm zmien ezatt giet lura Malta mill-Ingilterra. Li naf bic-cert hu illi wara li spiccaw il-proceduri ta' divorzju l-Ingilterra giet lura minnufih. Meta waslet Malta kienet tidher vizibilment imwegga' u depressa bhala konsegwenza ta' dak li kienet ghaddiet minnu mar-ragel precedenti taghha".*

*"Meta kienet giet Malta hi kienet gia iltaqghet ma Sandy l-Ingilterra. Susan kienet qaltli li ltaqghet ma Sandy f'bar gewwa Wales u dan ghaliex peress li t-tfal kienu qeghdin mar-ragel li kellha kienet issib ftit iktar hin sabiex tohrog u dderri ftit. Meta Susan kienet kelmitni l-ewwel darba dwar Sandy kienet dehret kuntenta mieghu. Kienet tghidli li thobbu hafna u li kien vera mill-ahjar. Nista' nghid illi Susan kienet tfahhru hafna. Kienet tghidli illi kien ihobbha wkoll u li xtaq jigi lura Malta maghha. Fil-fatt wara xi xahrejn Sandy nizel Malta. Meta gie Malta kienu bdew jghixu mieghi ghaliex Susan ma kellhiex 'job' u ghalhekk lanqas flus sabiex tikri post".*

*"Meta bdew jghixu mieghi, jiena kont narhom jinhabbu bhal kwalunkwe koppja ohra izda li nixtieq nghid hu li Sandy kien diga' jidher li hu ragel stramb u 'bossy' hafna. Kien bniedem jghir b'mod ezagerat. Sahansitra kien jordna lil Susan sabiex ma tilbisx b'certa mod u ma tilbisx make-up. Nista' nzid ukoll illi jien kont innutajt illi Sandy kien bniedem 'moody' hafna. Ma kienx bniedem li jhobb ikompli man-nies. Fil-fatt ftit li xejn kien ikompli maghna. Ma kienx jigi fil-kcina fejn konna ningabru flimkien ma Susan u lanqas biss kien ikellimna la lili u lanqas lil*

*Susan. Dawn ghalija kienu affarijiet strambi hafna. Ma kontx tkun tista' tghid kif kien ser iqum filghodu. Kien spiss jibqa' gewwa kamartu u ma jinzilx ghal gurnata shiha. Minkejja dan, mill-bidu t-tnejn wrew li kellhom xewqa li jizzewwgu. Jiena nhoss illi l-fatt illi kienet ghaddiet minn perjodu trawmatiku minhabba d-divorzju fl-Ingilterra seta' kellu influwenza kbira fuqha sabiex tizzewweg daqshekk malajr. Psikologikament, Susan kienet ghadha dghajfa hafna".*

*"Susan u Sandy ftehmu illi jizzewwgu bir-Registru f'Mejju tal-1990. It-tnejn kienu jidhru kuntenti qabel il-gurnata tat-tieg u anke fil-gurnata stess. Ghamilna 'reception' zghir gewwa d-dar tieghi fejn stedinna ftit nies u kollox mexa sew. Nixtieq inzid illi qabel ma zzewwgu, Susan u Sandy ghamlu kuntratt ghall-kirja ta' post li sar fuq isem Sandy izda l-kirja kellha tithallas minn Susan. Id-dar li krew kienet tinsab gewwa Rahal Gdid. Kont hadt hsieb ta' kollox personalment ghaliex Susan ma kenitx tahdem u lanqas Sandy. Fil-fatt Sandy qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament ghad-dar ghaliex kien ghazzien hafna, izda Susan kienet habrieka hafna u wara li zzewgu minnufih bdiet tahdem biex tkun tista' tmantni lilha nnifisha u ovvjament lil Sandy wkoll. Wara ftit beda jahdem Sandy wkoll izda ma niftakarx ezatt fejn".*

*"Wara x-xoghol Susan kienet kultant tigi ghandna sabiex izzur lili u lil ohtha Shirley peress illi ahna familja maghquda izda dan ma setghetx taghmlu ta' spiss ghaliex Sandy kien jiffastidja ruhu li kienet tigi tarana. Ma kienx jiehu gost li hi kienet tqatta' ftit hin mal-familja taghha. Kien fil-fatt ifittixha ghandna u jcemplilha u meta jsibha ghandi kien letteralment jordnala sabiex minnufih tirritorna d-dar hdejh. Hi kienet tibza' hafna minnu u ghalhekk kienet titlaq minn ghandi mill-ewwel. Hi stess kienet tghidli li kienet imbezza' sew minnu. Nixtieq inzid illi Sandy kellu l-vizzju ikrah tax-xorb u ghalhekk meta kien jiggieled ma Susan il-glied kien jaggrava minhabba x-xorb. Ghalhekk Susan kienet tibza' hafna minn Sandy. Kienu johorgu dejjem u Sandy kien jixrob u jisker ta' spiss. Darba minnhom Sandy kien xurban bhal dejjem u Susan kienet ittardjat ftit mix-xoghol ghaliex marret tixtri xi ikel u Sandy*

*aggrediha u sawwata tant illi cemplitli tibki izda ma riedetx li mmur inkellem li Sandy ghax kienet tghid illi l-affarijiet kienu certament jaggravaw ruhhom. Kienu jiggieldu fuq hmerijiet izda peress li Sandy kien xurban, ir-reazzjonijiet tieghu kienu jkunu dejjem ezagerati".*

*"L-episodi ta' vjolenza kienu bdew jizdiedu biz-zmien b'mod allarmanti. Darba minnhom niftakar li kellhom argument u Susan giet ghandi. Sandy kien gie jfittixha d--dar tieghi fejn aggrediha verbalment quddiemi u quddiem ohtha. Ahna konna mbezzghin hafna minnu dak inhar. Minkejja dan, Susan kienet irritornat lura mieghu ghaliex bezghet illi l-konsegwenzi setghu ikunu aghar minn hekk li kieku m'ghamlitx hekk. Jiena kont insaqsiha ghalfejn kienet tirritorna lura mieghu u hi kienet twiegeb ghax kienet tithassru. Meta kien sar aggressiv b'mod ezagerat jien kont serjament qed nibza' ghal hajjet binti. Jien kont nghidilha "Ahjar toqghod attenta ghax xi darba jsibek rieqda u joqtlok." L-iktar episodju ikrah li bqajt niftakar kien dak fejn Susan u Sandy iggieldu tant illi Sandy waddab sikkina lejn Susan li fortunatament laqtet il-'fridge'. Susan kienet giet ghandi imwerwra hafna u konvinta illi din id-darba ma setghtex tahfirlu. Jien kont gbart ftit flus sabiex inhalsulu l-biljett u hu tilaq lejn l-Ingilterra. Illum ma nafx x'sar minnu. Ilna minn dak iz-zmien ma narawh".*

*"Nista' nghid illi Susan izzewwget lil Sandy ghaliex kienet 'lonely' hafna. Ma kenitx fi stat psikologiku tajjeb biex tinduna li ma kienx bniedem tajjeb ghaliha. Minn naha l-ohra Sandy ma kienx lest ghaz-zwieg lanqas. Kien mohhu biex jigri fil-bars u jisker. Kien sar vjolenti hafna u sahansitra abbanduna lil Susan b'mod li lanqas sal-gurnata tallum ma nafu fejn jinsab"*

**<u>(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghas-separazzjoni bejn il-partijiet inkluzi l-hlas ta' manteniment u l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fost talbiet relatati. Illi dwar ir-responsabbilita` ghas-separazzjoni mitluba jirrizulta li z-zwieg tkisser irremedjabbilment anke peress li

l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, tant li lanqas l-attrici ma taf fejn illum jinsab.

Illi apparti dan jirrizulta li l-konvenut kien vjolenti lejn martu anke minhabba li kellu l-vizzju tax-xorb, tant li l-hajja tal-istess attrici giet reza bhala wahda mizerabbli. Jirrizulta wkoll mill-provi li kien hemm inkopatibbilita` kbira ta' karratru bejn iz-zewg partijiet u ghalhekk it-talba attrici f'dan is-sens ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar it-talba tal-attrici ghall-manteniment filwaqt li l-Qorti tirriafferma li l-attrici ghandha tali dritt, pero` ma tistax tasal ghall-kundanna hlas u/jew fissazzjoni ta' alimenti peress li ma jirrizultax li l-konvenut huwa mpjegat bi qliegh.

Illi dwar it-talba sabiex il-konvenut jiddekadi minn kull dritt ghall-manteniment li jista' jitlob lill-attrici, l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u minhabba l-atteggjament negattiv tal-konvenut li wassal ghal din is-separazzjoni, din it-talba ghandha tintlaqa'.

Illi konsegwentement ghall-pronunzjament tas-separazzjoni ghandha tigi dikjarata xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u mill-provi prodotti ma jidhirx li hemm bzonn li l-istess kommunjoni tigi likwidata peress li ma kien hemm xejn ta' valur fl-istess kommunjoni, tant li l-oggetti li kien hemm fid-dar matrimonjali, li kienet ghand il-kontendenti b'titolu ta' kera moghti qabel iz-zwieg favur l-attrici minghand ommha, kienu kollha parafernali ghall-attrici u ghalhekk proprejta` esklussiva taghha.

Illi fid-dawl tal-premess ukoll is-sitt (6) talba attrici sabiex hija tghix fl-istess dar konjugali hemm indikata u li l-kera tal-istess fond tigi assenjata lilha ghandha wkoll tigi milqugha. Ghandha tigi milqugha wkoll il-hames (5) talba attrici fit-totalita` taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak fuq deciz, **tilqa' t-talbiet attrici kollha hlief it-tieni (2) talba** peress li l-konvenut ma jidhirx li llum huwa mpjegat bi qliegh u ghar-ragunijiet fuq indikati u dan biss fis-sens hawn premess:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-raguni li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment minhabba sevizzi, ingurji gravi, mohqrija u theddid da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici kif wkoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru u b'tort uniku tal-konvenut;

2. Tichad din it-talba sabiex il-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha, dik ir-retta alimentarja li jidrilha xierqa, u dan peress li ma jirrizultax mill-provi li l-konvenut huwa mpjegat bi qliegh b'dan pero` li jigi riaffermat id-dritt tal-attrici ghall-hlas ghad-dritt ta' manteniment u tirriserva lill-attrici li jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi hija tressaq tali talba ghall-hlas tal-manteniment jekk tali dritt ikun ghadu jissusisti fil-konfront taghha.

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt ta' manteniment minghand l-attrici;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li m'hemm xejn x'jigi likwidat fl-istess komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti peress li ma kien hemm assi ta' ebda valur, u ghalhekk m'hemm xejn x'tassenja la lill-attrici u lanqas lill-konvenut, filwaqt li jigi dikjarat li proprjeta' unika li tezisti, hija dik appartenenti lill-attrici konsistenti f'oggetti mobbli u fil-kera tal-fond 86, Zabbar Road, Paola, li huma parafernali ghall-attrici u diga jinsabu fil-pussess taghha;

5. Tapplika kontra l-konvenut l-**artikoli 48, 41, 52, u 55 tal-Kodici Civili** sa fejn applikabbli w in partikolari li l-konvenut iddekada mid-drittijiet successorji tieghu fil-konfront tal-attrici;

6. Tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinstab 86, Zabbar Road, Paola, u tiddikjara li tali kera tappartjeni esklussivament lill-attrici kif fuq premess, u wkoll in vista tar-rikors tal-14 ta' Frar 2003 tawtorizza lill-attrici tirreverti ghall-kunjom xbubita Grange minflok Riley.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**